II

(Komunikazzjonijiet)

KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET U KORPI TAL-UNJONI EWROPEA

IL-KUMMISSJONI

Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata

(Każ COMP/M.5533 – Bertelsmann/KKR/JV)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2009/C 240/01)

Fit-8 ta' Settembru 2009, il-Kummissjoni ddeċidiet li ma topponix il-konċentrazzjoni notifikata msemmija hawn fuq u li tiddikjaraha kompatibbli mas-suq komuni. Din id-deċiżjoni hi bbażata fuq l-Artikolu 6(1)b tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004. It-test sħiħ tad-deċiżjoni hu disponibbli biss fl-Ingliż u ser isir pubbliku wara li jitneħħa kwalunkwe sigriet tan-negozju li jista' jkun fih. Dan it-test jinstab:

— Fit-taqsima tal-amalgamazzjoni tal-websajt tal-Kummissjoni dwar il-Kompetizzjoni (http://ec.europa.eu/competition/mergers/cases/). Din il-websajt tipprovdi diversi faċilitajiet li jgħinu sabiex jinstabu d-deċiżjonijiet individwali ta' amalgamazzjoni, inklużi l-kumpanija, in-numru tal-każ, id-data u l-indiċi settorjali,

— f'forma elettronika fil-websajt EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu/en/index.htm) fid-dokument li jġib in-numru 32009M5533. Il-EUR-Lex hu l-aċċess fuq l-internet għal-liġi Ewropea.

Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata

(Il-Każ COMP/M.5610 – Predica/SFL/Parholding)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2009/C 240/02)

Fid-29 ta' Settembru 2009, il-Kummissjoni ddeċidiet li ma topponix il-konċentrazzjoni notifikata msemmija hawn fuq u li tiddikjaraha kompatibbli mas-suq komuni. Din id-deċiżjoni, li temenda u tieħu post id-deċiżjoni preċedenti tal-24 ta' Settembru 2009 Nru. SG-Greffe(2009) D/5619 – C(2009) 7486, hija bbażata fuq l-Artikolu 6(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004. L-avviż dwar id-deċiżjoni preċedenti tal-24 ta' Settembru 2009 ġie ppubblikat fil-ĠU C 235 tat-30.9.2009.

It-test sħiħ tad-deċiżjoni hu disponibbli bil-Franċiż biss u jsir pubbliku wara li jitneħħew minnu kwalunkwe sigrieti tan-negozju li jista' jkun fih. It-test se jkun disponibbli:

— fis-sezzjoni tal-amalgamazzjonijiet tal-websajt tal-Kompetizzjoni tal-Kummissjoni (http://ec.europa.eu/competition/mergers/cases/). Din il-websajt tipprovdi diversi faċilitajiet li jgħinu sabiex jinstabu d-deċiżjonijiet individwali ta' amalgamazzjoni, inklużi l-kumpanija, in-numru tal-każ, id-data u l-indiċi settorjali,

— f'forma elettronika fil-websajt EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu/en/index.htm) fid-dokument li jġib in-numru 32009M5610. Il-EUR-Lex hu l-aċċess fuq l-internet għal-liġi Ewropea.